

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/572

tat-2 ta' Ġunju 2016

li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji dwar l-ispeċifikazzjoni tal-provvista ta' dejta ta' qabel u wara n-negożjar u l-livell ta' diżaggregazzjoni tad-dejta

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq tal-istumenti finanzjarji u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012⁽¹⁾ u b'mod partikolari t-tielet subparagraphu tal-Artikolu 12(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Sabiex jonqsu l-ispejjeż għall-partiċipanti tas-suq meta jixtru d-dejta, ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 jistipula li dejta tat-trasparenza ta' qabel in-negożjar u wara n-negożjar għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku b'mod "mhux iggruppat" għal elementi ta' dejta separati. Huwa meħtieġ li jiġi spċifikat il-livell ta' diżaggregazzjoni li bih iċ-ċentri għandhom joffru d-dejta. Mecjusa x-xhieda ta' domanda għal tali dejta minn partijiet ikkonċernati oħra, operaturi tas-suq u ditti tal-investimenti li joperaw ċentru tan-negożjar għandhom jiddiżzagħaq id-dejta skont il-klassi ta' assi, skont il-pajjiż tal-ħruġ, skont il-munita li fiha strument finanzjarju jiġi nnegożjat, u skont jekk id-dejta tkunx ġejja minn ir-kantijiet skedati ta' kuljum jew minn negożjar kontinwu.
- (2) Biex jiġi żgurat li d-dejta ta' qabel in-negożjar u ta' wara n-negożjar offruta tkun taqbel b'mod xieraq mad-domanda minn parteċipanti fis-suq, operaturi tas-suq u ditti tal-investimenti li joperaw ċentru tan-negożjar għandhom joffru kull kombinazzjoni ta' kriterji ta' diżaggregazzjoni fuq bażi kummerċjali raġonevoli.
- (3) Għal xi strumenti finanzjarji bħad-derivattivi mhux dejjem jista' jkun possibbi li tīgi ddeterminata mingħajr ambigwità l-klassi tal-assi partikolari li għaliha jkun jappartjeni dak l-strument billi d-determinazzjoni ta' klassi tal-assi tiddeppendi fuq liema karakteristiċi tal-istumenti finanzjarji jkunu meqjusa li huma dawk deċiżivi. Bl-istess mod, jista' ma jkunx dejjem possibbi li jiġi ddeterminat mingħajr ambigwità liema kriterji oħra tip ta' dejta jissodisfa. Sabiex jiġi żgurat li l-parteċipanti fis-suq li jixtru dejta minn ċentru partikolari tan-negożjar jircieveu sett ta' dejta konsistenti, jeħtieġ li l-operaturi tas-suq jew id-ditti tal-investimenti li joperaw ċentru tan-negożjar ikunu obbligati jiddeterminaw, f'dawk il-każżejjiet fejn il-kriterji tad-diżaggregazzjoni ma jkunux jistgħu jiġi applikati b'mod mhux ambigu, liema kriterji strument finanzjarju jew tip ta' dejta għandhom jitqiesu li jissodisfaw.
- (4) Għal raġunijiet ta' konsistenza u sabiex ikun żgurat il-funzjonament bla xkiel tas-swieq finanzjarji, huwa meħtieġ li d-dispożizzjoni stabbiliti f'dan ir-Regolament u d-dispożizzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 600/2014 japplikaw mill-istess data.
- (5) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji ppreżentat mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) lill-Kummissjoni.
- (6) L-ESMA għamlet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li fuqu huwa bbażat dan ir-Regolament, analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet l-opinjoni tal-Grupp tal-Partijiet Ikkonċernati tat-Titoli u s-Swieq stabbilit bl-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽²⁾,

⁽¹⁾ ĠUL 173, 12.6.2014, p. 84.

⁽²⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠUL 331, 15.12.2010, p. 84).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Provvida ta' dejta tat-trasparenza ta' qabel u wara n-negożjar

1. Operatur tas-suq jew ditta tal-investiment li joperaw ċentru tan-negożjar għandhom fuq talba jagħmlu l-informazzjoni ppubblikata skont l-Artikoli 3, 4 u 6 sa 11 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 disponibbli għall-pubbliku billi joffru d-dejta ta' qabel in-negożjar u wara n-negożjar, diżaggregati skont il-kriterji li ġejjin:

(a) in-natura tal-klassi tal-assi:

- (i) ishma;
- (ii) riċevuti depożitarji, ETFs, ċertifikati u strumenti finanzjarji simili oħra msemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014;
- (iii) bonds u prodotti finanzjarji strutturati;
- (iv) kwoti ta' emissjonijiet;
- (v) derivattivi;
- (b) il-pajjiż tal-ħruġ għall-ishma u d-dejn sovran;
- (c) il-munita li fiha huwa nnegożjat l-istruмент finanzjarju;
- (d) irkantijiet skedati ta' kuljum u mhux kummerċ kontinwu.

2. Derivattivi msemmija fil-punt (a)(v) għandhom ikunu diżaggregati skont il-kriterji li ġejjin:

- (a) derivattivi tal-ekwità;
- (b) derivattivi tar-rati tal-imgħax;
- (c) derivattivi tal-kreditu;
- (d) derivattivi tal-kambju;
- (e) derivattivi tal-komoditajiet u tal-kwoti tal-emissjonijiet;
- (f) derivattivi oħra.

3. L-operatur tas-suq jew id-ditta tal-investiment li joperaw ċentru tan-negożjar għandhom jistabbilixxu liema kriterji strument finanzjarju jew tip ta' dejta jkunu jissodisfaw meta l-kriterji tad-diżaggregazzjoni fil-paragrafi 1 jew 2 ma jkunux jistgħu jiġi applikati b'mod mhux ambigwu.

4. L-operatur tas-suq jew id-ditta tal-investiment li joperaw ċentru tan-negożjar għandhom japplikaw il-kriterji msemmija fil-paragrafi 1 u 2 f'kull kombinazzjoni fuq talba.

5. Minbarra l-ġhoti tal-informazzjoni skont il-paragrafu 1 u 2, operatur tas-suq jew ditta tal-investiment li joperaw ċentru tan-negożjar jistgħu joffru d-dejta b'mod iggruppat.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-ġħoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu jibda japplika mid-data msemmija fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 55 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmula fi Brussell, it-2 ta' Ġunju 2016.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER
